MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2009

Numru 1285/2009

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Spiteri)

vs

Charles Joseph Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 223588(M), akkuzat talli nhar is-6 ta’ Dicembru 2009, f’xi hin bejn 00:30hrs u 00:45hrs gewwa Maze Bar u fit-triq Vjal ir-Rihan San Gwann u jew fil-vicinanzi;

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS157 Brian Mifsud, PC446 Joseph Mifsud u PC750 Terry James Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta dik l-ordni moghtija skond il-ligi

mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PS157 Brian Mifsud, PC446 Joseph Mifsud u PC750 Terry James Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PS157 Brian Mifsud, PC446 Joseph Mifsud u PC750 Terry James Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ ghamel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.
6. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Vincent Formosa, hekk kif certifikat minn Dr. Alan Drago M.D. mill-Isptar Mater Dei.
7. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè zewg hgieget ta’ kaxxa ta’ telefon pubbliku li tinsab fi Vjal ir-Rihan, San Gwann ghad-dannu tal-kumpanija Telemalta, liema hsara teccedi aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.69.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ tal-ufficjali tal-pulizija involuti f’dan il-kaz u ta’ Vincent Formosa, sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi f’din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li bihom qieghed jigi mixli l-akkuzat jittrattaw l-Artikolu 95, 96, 221 u 325(b) tal-Kap 9. Mill-bqija jittrattaw offizi kontravenzjonali.

Issa fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjarah hati tal-akkuzi riportati kontra tieghu. Rat ll-Artikoli tal-Kap 9 fuq citati wkoll l-Artikolu 338(dd), 338(ee), 342 u 17 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tikkundannah sena u nofs prigunerija sospizi ghal sentejn b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------